# Werrej

L-għaġeb li jaf jistagħġeb • Trevor Żahra 5

L-eqdem presepju Malti • Fiona Vella 9

Id-dimostrazzjoni tal-Bambin • Carmel G. Cauchi 15

Qwiel dwar il-Milied • Trevor Żahra 21

Il-Milied fil-mużika ta' Malta • Joseph Vella Bondin 25

Il-Mużew tal-Bambini • Fiona Vella 39

Il-pantomima f'Malta • Trevor Żahra 47

L-eqdem presepju kbir mekkaniku • Fiona Vella 57

Tridx immorru Żepp? • Alexander Vella Gregory 65

L-Istorja tal-ikel Malti għal żmien il-Milied • Jackie Mercieca 73

Kurżitajiet • Trevor Żahra 89

# L-għaġeb li jaf jistagħġeb

Trevor Żahra

Għad għandi pastur mill-presepju ta' tfuliti, pastur tafal mogħti lagħqa verniċ, liebes il-kabozza u b'idejh it-tnejn miftuħin. L-għaġeb! Niftakarni npoġġih fid-daħla tal-grotta u noqgħod nitkellem miegħu.

"Kemm inti taċ-ċajt b'idejk miftuħin! Se tibqa' l-istess minn sena għal sena ... tistagħġeb biss? Kemm se ddum ma tifhem?"

Is-sena l-oħra, meta matul il-festi tal-Milied faqqas f'moħħi l-ħsieb li ndomm din il-ġabra ta' drawwiet tal-Milied Maltin, l-għaġeb tani ħarsa stramba minn taħt. Issa kien imiss lilu jitkellem.

"Xi drawwiet Maltin huma?" staqsieni. "Mela intom għandkom xi drawwa li hija tabilħaqq Maltija?"

L-għaġeb jista' jkun li huwa għaġeb, imma baħnan mhuwiex!

"X'għandkom li huwa verament tagħkom?" żied jgħidli. "Il-Karnival? Il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira? Il-presepju? Mhux kollox ġibtuh minn barra? Li kieku ma kinux għalikom il-Kavallieri, m'intom xejn ħlief daqsxejn ta' blata mimlija basal tal-għansar u gremxul!"

Għaġeb ilsienu twil, tarax! Ħtaftu minn għonqu, xħittu lura fid-dalma tal-kaxxa u għedtlu:

"Daqshekk stagħġibt, ja skantat!"

Imma ħej, ikolli nistqarr li kellu biċċa raġun. Id-drawwiet kollha li llum inqisuhom bħala Maltin, tista' tgħid li kollha

impurtajniehom. Il-presepju x'aktarx daħal f'Malta fis-seklu sbatax, meta l-Kavallieri ġabu fostna l-presepju Barokk Naplitan. U peress li dan kien iqum kemxa ġmielha, għall-ewwel sab postu biss fid-djar tan-nobbli Maltin. Iżda l-poplu ma damx ma tgħallem kif ifassal u jibni presepju bi stil differenti u jimmudella pasturi ispirati mill-karattri ta' madwaru. U hekk tfaċċaw pasturi bil-barjola u l-kabozza; twieldu taż-żaqq u tat-tanbur, l-għannejja, ir-rieqed, ix-xabbatur, il-mara bil-ġarra fuq rasha, l-aduratur u fuq kollox seħibna l-għaġeb. U l-presepju tagħna tbiegħed għalkollox minn dak Naplitan, tajnieh bixra lokali u għammidnieh Presepju Malti.

Ħafna minn dawn id-drawwiet li se taqraw dwarhom f'din il-ġabra, għaddew mill-istess proċess tal-presepju; twieldu lil hinn minn xtutna u aħna malajr tajniehom iċ-ċittadinanza u saru Maltin. Dan il-proċess għadu jseħħ sal-lum. Bis-saħħa tal-midja soċjali, il-pajjiżi resqu aktar qrib xulxin, u saru jdakkru u jiddakkru b'aktar ħeffa. Id-drawwiet għandhom ħabta jivvjaġġaw b'faċilità kbira, u dik li sal-bieraħ kienet drawwa marbuta esklussivament ma' pajjiż partikolari, f'leħħa ta' berqa tiġri mad-dinja u tinxtorob minn diversi pajjiżi. Dan, pereżempju, qed narawh iseħħ fostna bil-festa tal-Halloween, li sa ftit ilu konna nassoċjawha l-aktar mal-Istati Uniti tal-Amerka.

Xi drabi aħna nħossu weġgħa f'qalbna meta naraw drawwiet li jmutu u jgħosfru. Imma dan m'għandux għax jiskantana, għax meta l-poplu jħoss li ċerti drawwiet m'għadhomx aktar relevanti għal żmienu, iwarrabhom bl-aktar mod naturali. Għalhekk, biex drawwa tibqa' ħajja, jeħtieġ li tinbidel u taġġorna ruħha skont il-ħtiġijiet taż-żmien. Ngħidu aħna, hemm qabża kbira bejn il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira tal-lum u dawk ta' ħamsin sena ilu. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għall-festi tal-ibliet u l-irħula u għall-Karnival.

L-istess qed jiġri fid-drawwiet tal-Milied. Hemm uħud li spiċċaw għalkollox waqt li oħrajn ħadu libsa ġdida u għadhom ħajjin.

"Iftaħli!" beda jgħajjat l-għaġeb minn ġol-kaxxa.

Ftakart li missieri kien jgħidli li dak il-pastur kien għadu minn ta' nannuh. Mhux sew inwebbes qalbi mal-vulnerabbli.

"Inti kemm sirt tieħu għalik mix-xejn?!" qalli malli ftaħtlu u qegħidtu mill-ġdid fid-daħla tal-grotta. "Ara xi ġmiel ta' grotta din! U xi ħlew ta' tarbija! X'jimpurtana mnejn ġew jew ma ġewx id-drawwiet. Insejt li l-bużnanna tiegħek kienet Spanjola? Ejja ħa noqogħdu nistagħġbu ftit flimkien!"



# L-eqdem presepju Malti

Fiona Vella



Fil-qalba tal-belt siekta tal-Imdina, fil-monasteru ta' San Pietru tas-Sorijiet Benedittini tal-Klawsura, jinsab l-eqdem presepju eżistenti fil-gżejjer Maltin.

Mhux magħruf preċiżament kemm għandu żmien dan il-presepju u naturalment lanqas ma nafu min kien dak li ħadmu oriġinarjament. Iżda żgur li kien diġà jeżisti fis-seklu tmintax, fi żmien l-Isqof ta' Malta, Fra Paolo Alpheran de Bussan (1728-1758) li reġa' ġedded indulġenza li diġà kellu fuqu dan il-presepju. Infatti, kull min fil-lejl tal-Milied kien jieqaf quddiem dan il-presepju u jgħid Missierna, Sliema u Glorja, kien igawdi minn 40 jum indulġenza. Ħafna snin wara, fit-22 ta' Lulju 1958, l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi (1943–1976) kien ukoll ġedded dawn il-kundizzjonijiet filwaqt li żied l-indulġenza għal 200 jum.



Skont kitbiet li jinsabu fuq in-naħa ta' wara tal-presepju jirriżulta li dan ġie restawrat iktar minn darba. L-ewwel restawratur aktarx ħalla ffirmat ismu bl-inizjali G.B.G. flimkien mad-data 1826 fuq ġenb minnhom ta' mudell ta' kastell

